Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1537

Kaz Numru 1780MF

Fit-Tilwima tax-Xoghol

Bejn

General Workers Union

U

Malta Shipbuilding Company LImited

Nuqqas ta' qbil dwar l-implimentazzjoni da parti tal-kumpanija ta' Klawsula 3.5 tal-ftehim datat 2 ta' Gunju 2000 iffirmat mill-partijie

Illum 13 ta' Settembru 2004

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)
Membru Sinjur Leone Fenech
Membru Sinjur Winston V. Zahra

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra mibghuta lill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali il-Ministru Dr. Lawrence Gonzi datata 26 ta' Gunju 2003 li b'ittra tieghu bghat ittra datata 14 ta' Lulju 2004 lic-Chairman tat-Tribunal Industrijali fejn inkariga l-istess Tribuna jisma l-kas u jiddeciedi .

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Il-GWU Union bghatet din l-itra fejn talbet lit-Tribnal Industrijai tiddeciedi fuq tilwima industrijali rigwardanti nuqqas ta' implimentazzjoni da parti tal-kumpanija dwar Klawsula 3.5 tal-Ftehim datata 2 ta' Gunju 2000 iffitrmat mill-partijiet.

Is-socjeta Malta Shipbuilding Company Limited fl-istqarrija taghha qalet li fl-ewwel lok li il-kumpanija Malta Shipbulding Company Limited mhijiex legittima kontradittura f'dawn il-proceduri billi ghalkemm tezisti bhala entita guridika hija ma timpjega lill hadd u konsegwentement ma ghandha u ma jista jkollha ebda tilwima mal-General Workers Union dwar kundizzjiijiet max-xoghol. Inoltre r-riferenza l dan it-Tribunal hija nulla billi ma saritx fic-cirkostanzi u fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 74 tal-Kap 452. Inoltre l-ftehim tat-2 ta' Gunju 2000 li fuqu l-General Workers Union qed tibbaza l-azzjoni taghha m'ghadux fis-sehh billi l-impjegati kollha li kienu milquata b'dak il-fteim jew irtiraw mix-xoghol, jew gew impjegati ma entitajiet legali ohra that kundizzjonijiet tax-xoghol specifici ghall-impjieg taghhom. IL-General Workers Union ghandha tindika dettaljament f'isem liema impjegati tal-Malta Shipbuilding Limited qedgha tagixxi sabiex tinghata twegiba aktar dettaljata. Illi f'kull kaz fil-mertu il-pretensjonijiet tal-General Wokers Union huma wkoll infondati u bla bazi billi l-artiklu 3.5 tal-ftehim tat-2 ta' Gunju 2000 tirreferi ghal "beneficcji" (Benefits) introdotti fil-Malta Drydocks. Dan evidentement ma jinkludiex l-istruttura tal-pagi li necessarjament kienu differenti fl-Malta Shipbuilding Company Limited u l-Malta Drydocks minhabba li n-natura u l-ezigenzi tax-xoghol kienu differenti. In fatti x-xoghol fi-Malta Drydocks, a differenza minn dak tal-Malta Shipbuilding Company Limited kien orjentat principalment fuq is-servizz li jinghata lill-klijenti u allura kondizzjonajt mill-ezigenzi tal-klijenti. Waqt li fil-Malta Shipbuilding Company Limited, ix-xoghol kien wiehed ta' process produttiv u allura taht kontroll. Dawn id-differenzi kienu riflessi f'differenza fl-istruttura tal-pagi. L-artiklu 3.5 kien intiz fis-sens biss li jaghti beneficcju l-istess mhux struttura ta' pagi differenti.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed il-Ministru Lawrence Gonzi fejn iddikjara illi l-kumpanija Malta Shipbuilding Company Limited ghada tezisti pero r-rapprezentanza legali u guridika hija vestita f'isem ufficjal Salvu Gauci. U di piu informa lit-Tribunal illi l-artiklu 68 u 69 tal-Att 12 tas-sen 2002 huma innumerati hazin.Illi di piu l-istess Saviour Gauci fil-mori tal-kawza assuma l-atti bhala successur tas-socjeta Malta Shipbuilding Company Limited. Xehed ukoll Mr. Anthony Restall li kien il-Human Resources Managar tal-Malta Shipbuilidng Company Limited fejn iddikjara bil-gurament tieghu li l-ewwel darba li sema fuq din it-tilwima kien meta Karmenu Vella s-segretarju taT-taqsiam tal-GWU kien cempillu u wara kellmu wicc imb'wicc fejn issugerilu li jmur conciliation meeting fejn l-istess Karmenu Vella kien qalllu li ghalxejn immorru conciliation. Saret referenza ghall-ittra mibghuta minn Peter Moore data 24 ta' Gunju 2003 fejn iddikjara li "The claim presented on behalf of your members is  unable to be sustained for the reasons indicated."

Rega xehed il-Ministru Gonz fejn iddikjara illi abbazi tal-artilu 74 jekk saritx talba miz-zewg partijiet biex imorri t-Tribunal irrispnda billi l-iskop tal-Ligi "qatt ma kienet li jinghalaq il-process ghat-Tribunal Industrijali f'dawn il-kazijiet ghax inkella mezz ovvju illi jghalaq forsi l-uniku triq li tkun tista' tezisti biex tkun tista tigi zblukkata s-sitwazzjoni. Dan hu l-kuncett tal-Ligi."

Xehed ukoll id-Direttur tax-xoghol fejn qal li conciliation saret ma naha wahda biss pero irrizutalu illi ma kienx hemm bzonn jaghmlu conciliation peress li kien ghalxejn.

Xehed ukoll Karmenu Vella fejn iddikjara illi kien gie infurmat mill-CEO tal-kumpanija Malta Shipbuilding Co Ltd li kien infurmah dwar din it-Tilwima li "alura immorri Tribunal ghax m'ahmiex ser naslu"

Xehd ukoll Peter Moore li kien is-CEO Tal-Malta Shipbuilding Co Ltd fejn qal illi ma ridx jidhol f'diskussjonijiet ohra dwar il-futur sabiex ma jigiex pregudikat id-diskuzzjoni kollha u ma jiftakarx li kien hemm xi

diskussjoniiet dwar dan il-kas u li jiftakar illi kien bghat ittra datata 24 ta' Gunju 2003.

Xehed ukoll Cahrles Vella li huwa l-President tat-Taqsima fejn qal li Peter Moore kien infurmah illi ahjar ma taqlax affarijiet u ajhar tmur it-Tribunal.

Pero meta rega xehed Peter Moore iddikjara ili ma jaiftakrx li qal lill-hadd sabiex imorru t-Tribunal u l-anqas jiftakar li qal ma jridx imur kunciljazzjoni

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiettal-partijiet.

Illi dan it-Tribunal irid jiddeciedu jekk r-referenza lejn it-Tribuna hija nulla peress li ma saritx ai termini tal-artiklu 74 tal-Kap 453.

It-Tribunal jibda' biex jghid illi hija infelice l-sitwazzjoni li jrid jiddeciedi peress hija ovvja illi r-referenza li hemm fl-artiklu 74 dwar artiklu 68 ma taqbilx u kif qalil-Ministru stess hemm abbozz sabiex jigi irrangat dan l-artiklu u ghalhekk jekk it-Tribunal ser jillimita ruhha strictu sensu jikkollassa l-artiklu 74. Pero it-Tribunal ihoss li dan ma ghadux ikun il-kas.

It-Tribuna jista jimmagina dak li kien ghaddej meta kien ser isir it-trasferiment taz-zewg kumpanija u jemmen illi kien hemm sforz miz-zewg partiiet halli jsolvu l-problemi primarji u hallew il-problemi sekondarji ghall-mument anqas esplussiv u ghalhekk qieghed jemmem lill-Karmenu Vella u lill-Charles Vella meta kienu kellmu lil-Peter Morre u kien infurmhom illi ahjar imorri t-Tribunal. Qedghin jigi emnut ukoll minhabba l-ittra li ntbghatet minn Peter Morre fejn kien gie iddikjatat illi il-claim ma tistax tigi "sustained". Dan ma jfissirx illi ghandu jigi esklus il-conciliation bl-eba mument u it-Tribnal qieghed jaghmila cara illi dejjem ghandu ikum hemm concilliation. Pero f'dan il-kas it-Tribunal ihoss illi ma kienx hemm bzonn ta' conciliation peress li l-partijiet kienu fermi fuq dak li kienu qed jahsbu fuq il-kas anki minhabba l-klima ta' dak iz-zmien. Dan ukoll qieghed jigi konfermat mid-direttur tax-xoghol Mr. Pullicino.

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni tal-Malta Shipbuilding Company Limitd ghar-ragunijet hawn fuq premessi u jordna il-prosegwiment tal-kawza.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Winston Zahra
Membru

Leone Fenech
Membru

Vincent Micallef
Segretarju